

minn Carmelo (Nenu) Aquilina

# Tislima lil min welled il-Baned tagħna l-Maltin

X'aktarx li f'Malta u f'Għawdex meta wieħed jisma l-kelma banda jew marċ, mill-ewwel moħħu jmur fil-festa u fil-każini tal-banda tal-belt jew raħal tiegħu. Il-festa bit- tiżjin, sparar ta' murtaletti, kaxxi infernali, beraq pront u tal-kulur, marċi, ġiġġifogu, statwi t'anġli, arkanġli u qaddisin, Paninġierki, purċissjonijiet, ikel, xorb, l-marċi bil-briju ta' filgħodu.

Naħseb li huma ftit dawk li jafu kif ġew il-baned, min ħolom bihom, u x'ħadna u x'qed nieħdu minnhom. Għalhekk din is-sena nixtieq naqsam ftit tagħrif li jien irnexxieli nsib u niġbor flimkien mal-esperjenzi u ħsibijieti.

Nibda biex ngħid li l-ewwel tagħrif li ltqajt miegħu dwar banda iddoq marċ, kien fil-21 seklu qabel Kristu. Dan ġara meta l-kap tal-armata Lhudija Gideon għażel 300 mitt suldat u f'id waħda tahom trumbetta kbira u fl-id l-oħra tahom torċa taqbad. Dawn f' mumenti qabel it-tbexbix bdew idoqqu t-trumbetta mexjin quddiem l-armata jgħollu t-torċa taqbad' il fuq. Il-ħoss kbir li għamlu dawk it-trumbetti kollha f'salt flimkien mal-ħuġġieġa kbira ta' torċi mifruxa fuq wesgħa kbira ta' art, qawwa qalb is-suldati Iżraeliti u ħasad u werwru lill-għadu.

Hija veru ħasra, li l-mużika tant sabiħa u brijuża tal-marċi rat it-twelid tagħha hekk, fil-gwerer. Sibt ukoll min jgħid li meta ċ-Ciniżi ivvintaw il-porvli ħafna u ħafna snin ilu, l-armati Ċiniżi diġa kellhom il-baned biex is-suldati jimxu b'ċertu pass kif kien ikun meħtieġ. Fl-ewwel seklu wara Kristu l-armati kbar tal-Griegi u tar-Rumani kienu jużaw il-katuba l-kurnu. "French Horn," u "l-bucina" strument tar-ram ukoll biex permezz tal-ħoss ritmiku tal-mużika jimmanuvraw ir-riġmenti. Din is-sena fil-purcissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal-Għaxaq, rajt dan l-isturment tar-ram "il-Bucina" jindaq minn bandist libes ta'suldat Ruman flimkien ma suldati Rumani oħra jdoqqu it-trumpetti u t-tnabar.

Fiż-żminijiet tan-nofs l-Ewropej, partikularment fiż-żmien il-kruċjati, bdew jintużaw diversi strumenti tan-nifs flimkien mal-katuba u strumenti oħra tal-perkussjoni. Fil-15 -il seklu l-iSvediżi bdew jużaw ukoll "is-side drums" tnabar. Il-magħruf studjuż Macchiavelli fil-ktieb tiegħu "Il-libro dell' arte della guerra" fl' 1521 jirreferi wkoll għall-kurunetti, drums u flutes fil-baned militari li kienu l-qofol ta' koordinament kif mixtieq u bżonjuż.

L-armata tal-Imperu Ottoman, jiġifieri tat-Torok, kellha bħala regola li qabel kull battalija jorganizzaw festa kbira. F'din il-festa l-aktar importanti kienet il-mużika permezz ta'banda, bl-iskop li tgħolli kemm tiflaħ il-moral tas-suldati u l-poplu.

Għal dan l-iskop l-armata Torka kellha l-baned, dawn kien jissejħu "MEĦTER" u kienu jdoqqu mużika ħajja. L-ewwel darba li l-Ewropej semgħu din il-banda militari Torka Meħter kien fl-assedju ta' Vjenna fl-1529. Jiġifieri 39 sena qabel l-assedju ta' Malta tal-1565 mill-istess armata Ottomana.

Il-bandisti ta' Meħter kienu jkunu l-krema tal-mużiċisti fl-Imperu Ottoman. Dawn kienu

jkunu fil-periklu daqs kull suldat ieħor għax kienu jimxu fuq quddiem tal-armata waqt il-battalja. Fil-kotba tal-istorja, l-awtur Balbi jgħid li fid-dokumenti tat-Torok tal-Assedju l-kbir ta' Malta jinsabu tlett ismijiet ta' tlett bandisti ta' din il-banda Meħter li tilfu ħajjithom fl-assedju l-kbir, u wieħed minhom kien jismu Meħmet.

Taqbila li kienet titkanta, tindaq jew tingħad mit-torok, kienet tgħid hekk:

Malta tad-deheb,
Malta tal-fidda,
Malta tal-metal prezzjuż,
Qatt ma ser nirbħuk.

F'Malta konna minn dejjem bir-riġmenti ta' diversi nazzjonijiet fostna, speċjalment fi żmien l-Ingliżi. Veru li dwar mużika fil-festi Maltin qabel bdew il-baned, issib dokumenti ta' okkażjonijiet fejn il-kappillan jew il-prokuratur ta' xi festa partikulari, kienu ħallsu xi flus lil xi daqqaqa li jkunu ġabu biex idoqqu fil-festa.

Iżda l-ewwel darba li tissemma' banda organizzata Maltija huwa proprju fis-snin sittin tas-seklu 18. Nhar is-7 ta' Jannar 1818 fil-Belt Valletta twieldet tarbija lill-koppja Salvu u Antonia imwielda Bonello. Dawn għammduħ 'l-għada fit-19 ta' Jannar fil-Knisja tal-Portu Salvu, jiġifieri f' San Duminku u tawħ l-isem ta' Indrin.

Ta' sentejn it-tfajjel Indrin kellu inċident u tilef id-dawl t'għajnejh it-tnejn. Tistgħu taħsbu x'dulur kellhom ommu u missieru. Imma t-triq tal-Mulej għal Indrin kienet ippreparata u deċiża. Il-ġenituri ta' Indrin kienu nies ta' fidi, il-knisja qatt ma' abbandunawha. Lil binhom dejjem kienu jieħduħ magħhom għall-funzjonijiet kollha. Hawn fil-knisja t-tifel mingħajr qatt ħadd ma qallu xejn, kien beda jgħid lill-ġenituri l-istrumment wieħed wieħed x'inhuma li qed idoqqu.

Il-ġenituri li kienu jħobbu lil Indrin b'imħabba tal-ġenn intebħu b'din il-kapaċita' straordinarja u partikulari ta' binhom. Huma ħaduħ għand ċertu mużiċista Rull u qalulu b'din l-affari. Dan is-Surmast Rull kien il-Maestro di Cappella tal-Konkatidral ta' San Ġwann. Is-Surmast Rull tħassar lil dan it-tfajjel għama, imma fl-istess ħin induna bl-intelliġenza u l-kuraġġ ta' Indrin. Is-Surmast Rull waħħalha f'moħħu li jrid jgħin lil din il-familja u



*Din hija waħda mill-baned ta' Meħter.*

partikularment lil dan it-tfajjel, li għalkemm għama kien jixraqlu, la ried u kien kapaċi li jitgħallem.

Is-Surmast Rull beda jgħallmu l-flejguta, illum ngħidulha l-flawt. Fi ftit żmien tgħallem ukoll il-klarinett li kien l-istrument preferut tat-tfajjel Indrin, li baqa jdoqqu ħajtu kollha. Indrin kien sar professur tal-klarinett, tant li ta' eta żgħira beda jgħallmu bl-akbar abbilta'. Indrin tgħallem idoqq diversi strumenti oħra fosthom anke l-kitarra.

Kien Dun Salv Ċiappara li fl-1881 fil-ġabra tiegħu ta' tagħrif dwar Ħaż-Żebbuġ u l-Parroċċa, li jgħidilna li l-ewwel banda saret f'Ħaż-Żebbuġ fl-1860 minn Indrin Borġ.

Xi ftit xhur wara dan Indrin Borġ waqqaf banda oħra fir-Rabat ta' Malta, magħrufa sallum bħala l-Banda L'Isle Adam. Indrin sar Surmast, u waqqaf u idderrieġa dawn il-baned mingħajr qatt ma ra partitura tal-mużika. Kiteb trattat tal-mużika mhux kif tgħallima hu, imma kif bħala għama seħħlu jgħallem il-mużika lil ħaddieħor. F'dan it-trattat Indrin jfisser bil-Malti l-armonija, il-partitura u l-kuntrapunt.

L-istoriku G. Faure, fil-ktieb tiegħu "Storja ta' Malta u Għawdex" jgħid li l-ġenju Indrin Borġ fil-fatt għamel addattament ta' trattat miktub fl-1885 ta' veru letterat u mużiċista ewlieni. Jekk issaqsuni kif u għaliex Indrin Borġ għama seħħlu jagħmel dan kollu, u aħna jiġi żmien li ma nlaħħqu ma xejn. Jien tal-fehma li mhux kulħadd jitwieled ġenju. Indrin kiteb u irranġa diversi xogħolijiet għall-banda, bħal polki, valzi, kwadrilji, marċi. sonati u innijiet. L-ewwel innu li ikkompona kif kien jixraq, iddedikaħ lil San Duminku li tkanta mit-tfal tal-belt Valetta nhar il-festa ta' San Duminku tal-1860. Kiteb innijiet lil San Publiju, San Filep, Sant' Andrija, u lil Madonna ta' Liese fost oħrajn.

Il-versi ta' dawn l-innijiet inkitbu minn Dun Ġużepp Ċammit "Brigħella", mill-Professur Ċesare Vassallo, Antonio Crescemanno u persuni oħra mill-qasam tal-letteratura. Indrin kien jirnexxielu jikteb il-mużika billi juża injama ċatta li kien ikolla l- "pentagramma" jiġifieri, il-ħames rigi mużikali imħaffrin fiha, biex ikun jista' iħosshom b'subgħajħ. Jiġifieri Indrin kien juża s-sistema tal-braille primittiva. Imbagħad kien jaqbad biċċiet tax-xema' u jgħamilhom boċċi żgħar imma ta' daqsijiet differenti u jwaħħalhom fuq ir-rig kull fejn ikun irid iqiegħed nota tal-melodija li jkun qed joħloq. Wara kien iqabbad lil xi ħadd jikkopja fuq karta tal-mużika dik il-mużika li hu ikun fassal fuq l-injama bil-boċċi tax-xema'.

Wara li jismagħha tindaqq kien jagħmel xi tiswijiet jew arranġamenti meħtieġa. Ngħidu li Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija, Indrin huwa eżempju klassiku tal-kobor t' Alla. Minkejja li tilef id-dawl t'għajnejh għall-dejjem, Alla taħ għal mitt darba kuraġġ, intelliġenza u ħila kbira biex kien kapaċi ma jaqta' qalbu qatt u minn xejn.

Indrin mhux biss tgħallem ukoll idoqq l-orgni, iżda ħaġa tal-iskantament tgħallem isewwi l-orgnijiet. Indrin irnexxielu jsewwi l-orgni tal-Katidral tal-Imdina, tal-knisja ta' San Duminku tal-Belt Valletta, u oħrajn imxerrdin ma' Malta. L-akbar biċċa xogħol ta'tiswija li għamel, kienet meta irnexxielu jerġa' jarma' b'eżattezza u jġibu jdoqq perfettament l-orgni tal-knisja Arċipretali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.

Indrin iżżewweġ lil Marianna xebba Ebejer fl-1848, u kellhom tifel li semmewħ Ġużeppi. Dan it-tfajjel maħbub, ma setax jonqos li ma jibdiex jistudja l-mużika minn ċkunitu. It-tfajjel Ġużeppi minn ċkunitu kien il-bastun li seta' jserraħ fuqu missieru Indrin. Ġużeppi beda jgħin lil missieru billi jiktiblu l-mużika fuq il-karta li kien jiddettalu missieru Indrin..

Ġużeppi tant ħadha bis-serjeta il-mużika, li ta' 26 sena, proprju fl-1874 waqqaf l-ewwel banda fil-Belt Valletta, La Stella jew in- "Nazzjonale Vincitrice" illum il-Banda King's Own. Indrin Borġ stinka u ħadem kemm felaħ, iżda miet fqir biex lil Malta u Għawdex ħallihom

sinjuri bil-baned f'kull rokna ta'dawn il-gżejjer, u b'eluf ta'mużiċisti Maltin idoqqu ma' dawn il-baned. Minn jaf permezz tat-tagħlim tal-mużika fil-każini tal-baned tagħna, kemm ulied il-ħaddiema tgħallmu l-mużika? Minn jaf kemm hemm minn dawk li tgħallmu l-arti mużikali fil-banda, imbagħad qalgħu lira għall-familja? Forsi mhux mill-każini tal-baned li welled Indrin Borġ ħarġu dawk il-bandisti li sabu posthom fil-baned tas-servizzi, fil-banda tal-Pulizija, mal-baned fil-festi, ma' orkestri, jazz bands, fil-knejjes, f'tiġijiet, f'restoranti, f' lukandi u f'ħafna okkażjonijiet oħra.

Għiduli min minn fost il-ħaddiema seta' jibgħat lil uliedu jitgħallmu l-mużika bil-ħlas? Forsi mhux il-baned li welled Indri għallmu lil-ulied il-ħaddiema l-imħabba lejn l-arti sabiħa tal-mużika mingħajr l-ebda ħlas? Is-Surmast ġenju għama Malti Indrin Borġ qatt ma stagħna fil-flus, imma stagħna fl-opri tajba li għamel ma ħutu l-Maltin u l-Għawdxin. Dawk it-talenti li tagħtu l-providenza t'Alla ma żammhomx għalih, avolja kien fqir u f'kull bżonn, imma tahom kollha minn qalbu lil ħutu l-bnedmin mingħajr ebda interess.

Indrin, min jaf kemm fqar ferraħt bil-ħlewwa tal-banda, minn jaf kemm morda qanqalt mis-soddothom bir-ritmu ferrieħi tal-marċi brijużi mill-banda għaddejja minn ħdejn darhom? Indrin miet fl-eta ta' 84 sena fir-residenza tal-Anzjani San Vincenz de Paul f' Ħal-Luqa. Ma nistax ma nistaqsix, possibbli lil dan il-benefattur għama Malti li kien jgħix fostna, u ħallilna tant wirt imprezzabbli, ħadd ma jiftakar fih u ngħamlulu mafkar ċkejken, anke forsi f'xi rokna f'egħluq il-mitejn sena minn twelidu fl-2018. Naħseb li jixraqlu! Naħseb li lkoll aħna obbligati!

Għax int Indrin, ismek waħdu huwa monument, mudell ta' eżempji, ta'kif għandu jkun raġel jew mara ta'kultura! Int Indrin eżempju ta' kuraġġ lil dawk li għandhom xi diffikulta fil-ħajja. Għax int ma qtajtx qalbek u inxteħt tibki xortik, imma b'kuraġġ qomt fuq saqajk, għama, bla dawl f'għajnejk, imma kont kapaċi, u għaraft iddawwal u tmexxi poplu sħiħ li ma' kienx għama fi' triq ta' suċċessi kulturali artistiċi kbar.

Nagħlaq dan l-artiklu bil-kliem mill-ktieb "Rajt Malta Tinbidel" tal-Avukat Herbert Ganado. "L-ewwel noti fuq ir-ram semmagħhom lil pajjiżna Malta dak ir-raġel għama li kien jismu Indrin Borġ."

Jalla l-Baned u l-każini tagħna l-Maltin u l-Għawdxin li tagħna Indrin Borġ, nibqgħu nieħdu ħsiebhom, u nindukrawhom kif suppost, u li lkoll ikollna l-kuraġġ u l-ħila li nwaqqfu u ma nħallu lill ħadd minn iċappashomna bi' ħmerijiet speċjalment waqt il-briju tal-marċi li ma jixirqu lill ħadd.

Grazzi Indrin

Marzu 2009


# Muscat Ironmongery Store

**58 Dr. Nikola Zammit Street, Siġġiewi • Tel: 9928 8153**

ELECTRIC FITTINGS & ACCESSORIES • ENERGY SAVERS (All watage & Shapes) • HOT & COLD WATER FITTINGS AND ACCESSORIES • ALL TYPES OF PAINTS (Special Prices for interior/ exterior paints) (Orders accepted for special colours of emulsion & acrylic paints) • CURTAIN ALUMINIUM RAILS (Single, double or triple & made to measure) • POWER & HAND TOOLS • HARDWARE & HOUSEHOLD GOODS

**YOUR DAILY NEEDS FOR YOUR HOME**